**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Illum 9 ta'April, 2019**

**Rikors nru: 160/17 AGV**

A sive AB sive BC

Vs

Dr. Fransina Abela u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-28 ta' Lulju, 2017 gew nominati kuraturi deputati ghall-assenti DA.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-8 ta' Frar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fir-Registru Pubbliku ta' Malta fit-18 ta' Ottubru, 1996 u dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru progressive elf tmien mija u sebghin tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1870/1996) u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat Dok. AA 1 mar-rikors guramentat);

2. Illi minn dan iz-zwieg, twieldu ulied, ossia E li twieled fl-20 ta' Marzu, 1998 u li llum ghandu l-eta' ta' dsatax-il sena, kif jidher mic-certifikat tat-twelid (anness u mmarkat Dok. AA 2 mar-rikors guramentat) u F li twieldet fit-12 ta' Ottubru, 2006 u li llum ghandha l-eta' ta' 10 snin, kif jidher mic-certifikat tat-twelid (anness u mmarkat Dok. AA 3 mar-rikors guramentat);

3. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment ghal tortijiet imputabbli lill-intimata fosthom minhabba abbandun tad-dar matrimonjali da parti tal-intimata, fejn l-intimata marret tirrisjedi gewwa l-Canada filwaqt li ulied il-kontendenti baqghu jghixu mar-rikorrenti. Konsegwentement ir-rikorrenti u l-intimata ilhom separati de facto sa mis-sena 2008 u konsegwentement ilhom iktar minn 7 snin separati *de facto* u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

4. Illi r-rikorrenti diga' ottjena d-divorzju minn mal-intimata, mill-Jordan u dan kif jidher mic-certifikat tad-Divorzju (anness u mmarkat Dok.AA 4 mar-rikors guramentat).

5. Illi kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-intimata huma ta' nazzjonalita' Maltija hekk kif jidher mic-certifikat tat-twelid tal-istess partijiet (Dok.AA 7 u Dok. AA 8);

6. Illi inoltre r-rikorrenti jirrisjedi hawn Malta;

7. Illi konsegwentement ir-rikorrenti jixtieq li t-talba ghas-separazzjoni maghmulha fl-atti tar-rikors guramentat 160/2017 titqies minflok talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex :-

1.Tordna li t-talba ghas-separazzjoni maghmulha fl-atti tar-rikors guramentat 160/2017 titqies minflok talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 1 6 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti mas-sentenza finali;

3. Mas-sentenza finali, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-Risposta tal-intimati li eccepew:-

1.Illi huma, f'dan l-istadju, jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' din il-kawza;

2.Illi jirrimettu ruhhom ghall-provi migjuba stante li huwa r-rikorrenti li ghandu l-piz tal-prova u cioe' illi permezz tal-provi mressqa minnu, jridu jikkonvincu lil

dina l-Onorabbli Qorti illi jezistu r-rekwiziti mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg tieghu mal-assenti DA jigi mahlul;

Illi jirriservaw li jirrispondu ulterjorment wara li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-persuna minnhom rapprezentata fl-esteru jew wara li jsiru edotti ahjar mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ultejuri.

Ikkunsidrat;

Illi konsiderando li l-kawza ta' separazzjoni waslet fil-fazi finali taghha u tenut kont li m'ghadx hemm gudizzju finali, it-talba sabiex il-proceduri ta' separazzjoni jigu konvertiti f'divorzju tista' tigi akkolta.

Ghaldaqstant, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna li l-kawza ta' separazzjoni pprezentata minnha tigi konvertita f' wahda ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66 F tal-Kodici Civili b'rizerva ghad-decizjoni fuq il-hall taz-zwieg u talbiet relatati jigu rizervati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**